**199. Id-Deputat Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Joseph Cassar, jipproponi:**

Illi minkejja kull provvediment oħra fl-Ordinijiet Permamenti tal-Kamra, dan li ġej għandu jirregola l-proċedura dwar l-Estimi Ġenerali tal-Ispiża għas-sena 1985, u dwar l-Estimi Supplimentari tal-Ispiża għas-sena 1984.

(A) **Provvedimenti Ġenerali**

1. Illi jekk il-Kamra tiltaqa' filgħodu hi għandha tiltaqa' fid-9.00 a.m. u l-ħin tal-interruzzjonijiet tax-xogħol għandu jkun x'ħin jispiċċa x-xogħol finanzjarju, li m'għandux jieħu aktar minn tliet siegħat; u x'ħin jispiċċa wkoll xi xogħol ieħor li jista' jkun jidher fuq l-agenda tas-seduta (Ref. Ordni Permanenti 8(1) u (9); u

2. Illi jekk il-Kamra tiltaqa' nhar ta' Ħamis għandu jsir biss xogħol tal-Gvern (Ref. Ordni Permanenti 8(2).

(B) **Kumitat ta' Provvista - Estimi Ġenerali 1985**

1. Illi jkun hemm żewġ seduti fuq il-mozzjoni biex il-Kamra tmur f'Kumitat ta' Provvista (Ref. Ordni Permanenti 71(3)(b). L-ewwel waħda minn dawn is-Seduti tkun għall-Oppożizzjoni u t-tieni waħda tkun għall-Gvern.

2. Illi fil-jiem ta' Kumitati ta' Provvista:

(a) Uffiċjali Pubbliċi u oħrajn, kif indikati minn Ministru, jistgħu jieħdu parti f'kull Kumitat ta' Provvista, biex inwieġbu għall-mistoqsijiet u jagħtu tagħrif kif diretti minn Ministru;

(b) Wara li jintemm ix-xogħol finanzjarju, ikun jista' jsir xogħol ieħor (kemm mozzjonijiet kif ukoll Ordnijiet tal-Ġurnata) li jkun jidher fuq l-agenda u li għal dan il-għan il-ħin ta' l-interruzzjonijiet tax-xogħol jitwal skond kif ikun meħtieġ;

(c) Il-ħin ta' l-aġġornament ma jitteħidx;

(d) Meta fuq l-agenda jkun hemm il-voti ta' żewġ Ministeri li ma jaqgħux taħt l-istess Ministru:

(i) Id-diskussjoni fil-Kumitat tkun sad-9.30 p.m. jew kif stipulat f'(A)1, u l-ħin għad-diskussjoni jinqasam indaqs bejn iż-żewġ Ministeri;

(ii) Kull Ministeru jressaq ir-Riżoluzzjonijiet tiegħu fil-Kumitat fil-bidu tad-diskussjoni dwarhom, u mbagħad il-ħin disponibbli għad-diskussjoni jinqasam indaqs bejn Gvern u Oppożizzjoni billi l-ewwel nofs ta' dan il-ħin ikun għall-Oppożizzjoni u t-tieni nofs għall-Gvern.

(iii) Wara li tispiċċa d-diskussjoni fuq il-voti ta' l-ewwel Ministeru, ma ssir l-ebda mistoqsija; u l-Kumitat igħaddi minnufih għad-diskussjoni dwar il-voti tat-tieni Ministeru;

(iv) Fid-9.30 p.m. jew fil-ħin stipulat skond (A)1, iċ-Chairman iqiegħed għall-vot mingħajr diskussjoni l-mistoqsija fuq il-voti ta' l-estimi wieħed wara l-ieħor, taż-żewġ Ministeri:

Iżda Ministru jista' jressaq emendi li jitqiegħdu għall-vot mingħajr diskussjoni; u Ministru jista' wkoll jitlob il-konsiderazzjoni mill-ġdid fil-Kumitat dwar emendi proposti minnu, u f'dan il-każ dawn l-emendi jitqiegħdu wkoll għall-vot mingħajr diskussjoni;

(v) Il-votazzjoni kollha li jistgħu jintalbu, jittieħdu x'ħin tispiċċa d-diskussjoni dwar iż-żewġ Ministeri:

Iżda l-ewwel votazzjoni tittieħed dwar ħames minuti li tintalab, u l-votazzjonijiet l-oħra, jekk ikun hekk, jittieħdu immedjatament warajha.

(e) Fl-aħħar jum tal-Kumitat ta' Provvista ikun hemm il-voti tal-Prim Ministru biss, li taħtu jaqgħu wkolll il-voti tal-Ministeru ta' l-Intern; u jekk id-diskussjoni fil-Kumitat tintemm qabel id-9.00 p.m. jew qabel il-ħin stipula f'(A)1, il-Kamra tista' tgħaddi minnufih skond C(b) għall-konsiderazzjoni ta' l-Abbozż ta' Liġi dwar l-Approprjazzjoni għas-sena 1985; u mbagħad fid-9.00 p.m. jew fil-ħin stipula f'(A)1, il-Kamra terġa' tirriżolvi il-mistoqsija, bil-proviso ta' 2(d)(iv) u 2(d)(v) fuq il-voti diskussi aktar qabel fil-Kumitat.

3. Illi l-voti fil-Kumitat ta' Provvista jittieħdu kif jidhru hawn taħt;

**L-Ewwel Jum**

**MINISTERU TAL-ĠUSTIZZJA U AFFARIJIET BARRANIN**

Vot 15 - Legali
Vot 16 - Kummissjoni Ħidma fil-Qrati
Vot 17 - Servizz Ġudizzjarju
Vot 18 - Reġistru ta' l-Art
Vot 19 - Artijiet

**MINISTERU TAT-TURIŻMU**

Vot 35 - Ministeru tat-Turiżmu
Vot IV - Turiżmu

**It-Tieni Jum**

**MINISTERU TA' L-EDUKAZZJONI**

Vot 11 - Edukazzjoni
Vot 12 - Librerija
Vot 13 - Informazzjoni
Vot 14 - Segretarjat għal Għawdex
Vot XIV - Edukazzjoni

## MINISTERU TA' L-INVESTIMENT PARASTATALI U TAL-POPLU

Vot 34 - Ministeru ta' l-Investimenti Parastatai u tal-Poplu
Vot I - Telekommunikazzjonijiet
Vot X - Enerġija

## It-Tielet Jum

## MINISTERU TAL-FINANZI U TAD-DWANA

Vot 20 - Finanzi
Vot 21 - Tezor
Vot 22 - Pensjonijiet
Vot 23 - Taxxi Interni
Vot 24 - Uffiċju ta' l-Awditur
Vot 25 - Ċentru tal-Computer
Vot 26 - Dwana

## MINISTERU TA' L-INDUSTRIJA

Vot 36 - Ministeru ta' l-Industrija
Vot II - Żvilupp ta' Industriji

## Ir-Raba' Jum

## MINISTERU TAX-XOGĦLIJIET U DJAR

Vot 27 - Xogħlijiet u Sport
Vot 28 - Ilma
Vot 29 - Dawl tat-Toroq
Vot 30 - Djar
Vot VI - Ilma
Vot VII - Toroq
Vot VIII - Drenaġġ
Vot XII - Sport, Bini u Ġonna Pubbliċi
Vot XV - Djar

## MINISTERU TAL-KUMMERĊ U IPPJANAR EKONOMIKU

Vot 39 - Ministeru tal-Kummerċ u Ippjanar
Vot 40 - Statistika
Vot 41 - Kummerċ
Vot 42 - Posta

**Il-Ħames Jum**

**MINISTERU TAX-XOGĦOL U GĦAJNUNA SOĊJALI**

Vot 31 - Ministeru tax-Xogħol u Għajnuna Soċjali

**MINISTERU TA' L-AFFARIJIET BARRANIN**

Vot 37 - Affarijiet Barranin
Vot 38 - Kultura
Vot XI - Mużewijiet u Monumenti Nazzjonali

**Is-Sitt Jum**

**MINISTERU TAS-SAĦĦA**

Vot 33 - Saħħa u Ambjent
Vot XIII - Saħħa

**MINISTERU TA' L-AGRIKOLTURA U SAJD**

Vot 43 - Agtrikoltura u Sajd
Vot III - Agrikoltura u Sajd

**Is-Seba' Jum**

**PRIM MINISTERU**

Vot 1 - Uffiċċju tal-President
Vot 2 - Kamra tad-Deputati
Vot 3 - Uffiċċju tal-Prim Ministru
Vot 4 - Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku
Vot 5 - Avjazzjoni Ċivili
Vot 6 - Portijiet
Vot V - Żvillup ta' l-Ajruport
Vot IX - Żvilupp tal-Port

**MINISTERU TA' L-INTERN**

Vot 7 - Ministeru ta' l-Intern
Vot 8 - Forzi Armati ta' Malta
Vot 9 - Pulizija
Vot 10 - Ħabs

(U jekk il-Kumitat jispiċċa qabel id-9.00 p.m. il-Kamra tgħaddi għall-liġi dwar l-Approprjazzjoni għas-sena 1985).

(C) **Approprjazzjoni għas-Sena 1985 u Approprjazzjoni għas-Sena 1984**

(a) Illi l-Abbozz ta' Liġi dwar l-Approprjazzjoni għas-Sena 1985, u l-Abbozz ta' Liġi dwar l-Approprjazzjoni għas-sena 1984, ikunu jekk meħtieġ eżenti mill-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern, u jkunu dikjarati urġenti, u l-istadji tagħhom kollha jistgħu ittieħdu fl-istess seduta.

(b) Illi ma jkunx hemm diskussjoni ħlief fuq it-Tieni Qari ta' l-Abbozz ta' Liġi dwra l-approprjazzjoni għas-sena 1985; u li din id-diskussjoni tista' tibda fl-aħħar jum tal-Kumitat ta' Provvista:

Iżda din id-diskussjoni fl-ebda każ ma għandha tieħu aktar mis-seduta li tinġamm wara l-aħħar jum tal-Kumitat, meta fil-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol għandha titqiegħed mingħajr diskussjoni kull mistoqsija li jkun hemm bżonn biex jintemm ix-xogħol kollu finanzjarju dwar l-Estimi Ġenerali u dwar l-Estimi supplimentari; imma Ministru jista' f'kull ħin iressaq emendi li jitqiegħdu għall-mistoqsija mingħajr diskussjoni.

(ċ) Il-votazzjonijiet kollha li jintalbu fi kwalunkwe stadju, għandhom jittieħdu fil-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol tas-seduta sħiħa mħollija għall-Approprjazzjoni għas-snin 1985 u 1984; billi l-ewwel votazzjoni tittieħed ħames minuti wara li terġa' tintalab, u l-votazzjonijiet l-oħra, jekk ikun hemm, jittieħdu immedjatament warajha.

30.11.1984